

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 300/2013

tas-27 ta' Marzu 2013

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 605/2010 li jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbli r-regoli sanitarji għall-annimali li jiddeterminaw il-produttjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-frażi ta' introduzzjoni tal-Artikolu 8, l-ewwel sottoparagrafu tal-punt (1) u l-punt (4) tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 <sup>(3)</sup> jistipula l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u ta' saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib u l-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' dawn il-kunsinni.
- (2) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 jistabbli lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li huma awtorizzati li jdaħħlu fl-Unjoni kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat jew prodotti tal-ħalib u li tindika t-tip ta' trattament ta' tisħin obligat għal dawn il-prodotti. L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 jistipula li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħalib immissla mill-ħalib mhux ipproċessat tal-baqar, tan-ngħaġ, tal-mogħoż u tal-buffli minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li ma għandhomx riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, li huma elenkati fil-kolonna C tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, sakemm dawn il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn trattament ta' tisħin, jew ikunu ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn trattament bħal dan, kif imsemmi f'dan l-Artikolu.
- (3) Ir-riskju li jista' jkun hemm minn importazzjonijiet għol-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib meħudin mill-ħalib mhux ipproċessat tal-iġmla tal-ispeċi *Camelus dromedarius* (iġmla dromedarji) minn pajjiżi terzi jew minn partijiet tagħhom li huma fir-riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkati

fil-kolonna C tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 mhuwiex ikbar minn dak ta' importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħalib immisslin minn ħalib mhux ipproċessat tal-baqar, tan-ngħaġ, tal-mogħoż jew tal-buffli, sakemm dawn il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn trattamenti bis-sħana msemmijin fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, jew ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għaddew minn trattamenti bħal dawn. Għaldaqstant, dan l-Artikolu għandu jiġi emendat biex jinkludi l-prodotti tal-ħalib immisslin mill-ħalib mhux ipproċessat ta' din l-ispeċi.

- (4) Barra minn hekk, l-Emirat ta' Dubaj tal-Emirati Għarab Magħquda, li huwa pajjiż terz mhux elenkat mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali bħala ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer, esprima l-interess li jesporta lejn l-Unjoni prodotti tal-ħalib immisslin mill-ħalib mhux ipproċessat tal-iġmla dromedarji wara trattament fiżiku jew kimiku b'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 u ressaq l-informazzjoni b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali <sup>(4)</sup>.
- (5) Is-servizz ta' spezzjoni tal-Kummissjoni għamel verifika li tat riżultati sodisfaċenti tal-kontrolli tal-annimali u tas-saħħa pubblika fuq il-produttjoni ta' ħalib tal-iġmla dromedarji fl-Emirat ta' Dubaj. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet tas-servizz ta' spezzjoni tal-Kummissjoni ġew indirizzati b'mod xieraq mill-Emirat ta' Dubaj.
- (6) Fuq din l-informazzjoni wieħed jista' jikkonkludi li l-Emirat ta' Dubaj jista' jipprovdi l-garanziji meħtieġa li jiżguraw li l-prodotti tal-ħalib li jsiru fl-Emirat ta' Dubaj minn ħalib mhux ipproċessat tal-iġmla dromedarji huma konformi mar-rekwiżiti applikabbli tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi jew minn partijiet minnhom li qegħdin fir-riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkati fil-kolonna C tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.
- (7) Biex jiġu awtorizzati importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tal-ħalib magħmulin mill-ħalib tal-iġmla dromedarji minn ċerti partijiet tat-territorju tal-Emirati Għarab Magħquda, l-Emirat ta' Dubaj għandu jinżied mal-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom imsemmijin fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010, b'indikazzjoni li l-awtorizzazzjoni stipulata fil-Kolonna C ta' dik il-lista tapplika biss għal prodotti tal-ħalib immisslin mill-ħalib ta' dik l-ispeċi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.<sup>(2)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.<sup>(3)</sup> ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

- (8) Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa "Milk-HTC" fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 għandu jiġi emendat biex jinkludi referenza għal prodotti tal-ħalib magħmulin mill-ħalib tal-iġmla dromedarji.
- (9) Ċerti prodotti tal-ħalib koperti mir-Regolament (UE) Nru 605/2010 ma jidhru fil-kodiċijiet tal-prodotti bażiċi (kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata) imsemmijin fil-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib. Biex ikun hemm identifikazzjoni aktar preċiża ta' dawn il-prodotti bażiċi fil-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa, jeħtieġ li jinżiedu l-kodiċijiet tas-SA 15.17 (margherina) u 28.35 (fosfati) fil-mudelli rispettivi taċ-ċertifikati tas-saħħa "Milk-HTB", "Milk-HTC" u "Milk-T/S" fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
- (10) Ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 605/2010 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 4(1), il-frażi introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħalib miksuba mill-ħalib mhux ipproċessat tal-baqar, tan-ngħaġ, tal-mogħoż u tal-buffli, jew, fejn awtorizzat speċifikament fl-Anness I, mill-iġmla tal-ispeċi *Camelus dromedarius* mill-pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li huma fir-riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkati fil-kolonna C tal-Anness I, sakemm dawn il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn trattament ta' tisħin, jew ikunu ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn trattament bħal dan li jinvolti:"

- (2) L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

## ANNEX

L-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) L-annotazzjoni ta' hawn taħt tiddaħħal wara l-annotazzjoni ta' Andorra fit-tabella f'dan l-Anness:

"AE	L-Emirat ta' Dubaj tal-Emirati Għarab Magħquda <sup>(1)</sup>	0	0	+ <sup>(2)</sup> "
-----	---	---	---	--------------------

(b) In-noti f'qiegħ il-paġna li jidhru hawn taħt jinżiedu mat-tabella f'dan l-Anness:

"<sup>(1)</sup> prodotti tal-ħalib biss li huma magħmulin mill-ħalib tal-iġmla tal-ispeċi *Camelus dromedarius*;

"<sup>(2)</sup> prodotti tal-ħalib li huma magħmulin mill-ħalib tal-iġmla tal-ispeċi *Camelus dromedarius* huma awtorizzati."

(2) Fl-Anness II, il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) fil-Mudell Milk-HTB, fin-Noti, fil-Parti I, il-Kaxxa bir-referenza I.19 tiġi sostitwita minn dan li ġej:

"— Il-Kaxxa bir-referenza I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 15.17; 17.02; 21.05; 22.02; 28.35; 35.01; 35.02 jew 35.04."

(b) il-Mudell Milk-HTC jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"Il-Mudell Milk-HTC"**

**Ċertifikat tas-Saħħa għall-prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna C tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsubin għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea**

**PAJJIŻ**

**Ċertifikat veterinarju għall-UE**

<b>L-ewwel parti I: Dettalji tal-kunsinna miġhuta</b>	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz  Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.		
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali				
			I.4. Awtorità kompetenti lokali				
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz  Kodiċi postali Nru tat-Tel.		I.6.				
	I.7. Pajjiż tal-orijini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-orijini	Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.
	I.11. Post tal-orijini  Isem Indirizz		Numru tal-approvazzjoni		I.12.		
	I.13. Post ta' tagħbija				I.14. Data tat-tluq		
	I.15. Mezz tat-trasport  Ajruplan <input type="checkbox"/> Bastiment <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi ta' dokumentazzjoni				I.16. BIP ta' dħul fl-UE		
					I.17.		
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott bażiku				I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi SA)		
				I.20. Kwantità			
I.21. Temperatura tal-prodott  Ambjentali <input type="checkbox"/> Imkessaħ <input type="checkbox"/> Iffriżat <input type="checkbox"/>				I.22. Għadd ta' pakketti			
I.23. Is-Siġill/Nru tal-Kontenitur				I.24. Tip ta' imballaġġ			
I.25. Prodotti ċertifikati għal:  Konsum mill-bniedem <input type="checkbox"/>							
I.26.			I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE <input type="checkbox"/>				
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi							
Speċi (isem xjentifiku)		Impjant tal-manifattura		Għadd ta' pakketti	Piż nett	Numru tal-lott	

## Modell Milk-HTC

## PAJJIŻ

## Prodotti tal-ħalib mill-pajjiżi terzi awtorizzati fil-kolonna C

Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	<p><b>II.1. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Animali</b></p> <p>Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmit, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2002/99/KE u tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodott tal-ħalib deskritt hawn fuq:</p> <p>(a) inkiseb minn animali:</p> <p>(i) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali,</p> <p>(ii) li ġejjin minn irziezet li ma kenux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u,</p> <p>(iii) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-animali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE,</p> <p><i>jew</i> [(b) il-prodott tal-ħalib sar minn ħalib mhux ipproċessat li ġej mill-baqar, min-nagħaġ, mill-mogħoż, mill-bufla jew, fejn awtorizzat skont in-nota (2) f'qiegħ il-paġna tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 605/2010, minn iġmla tal-ispeċi <i>Camelus dromedarius</i>, u qabel ma ġie impurtat fit-territorju tal-Unjoni Ewropea għadda minn:</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(i) proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur <math>F_0</math> ta' tlieta jew aktar;]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(ii) trattament ta' temperatura partikolarment għolja (ultra high temperature -UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin addattat ta' ħżin;]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(iii) trattament ta' pasturizzazzjoni b'temperatura għolja għal ħin qasir (high temperature short time pasteurisation treatment - HTST) fi 72 °C għal 15-il sekonda applikat darbtejn għall-ħalib b'pH 7,0 jew iktar, u kiseb, meta applikabbli, reazzjoni negattiva għal test ta' fosfatażi alkalina, applikat minnufih wara t-trattament bis-sħana;</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(iv) trattament b'effett ta' pasturizzazzjoni ekwivalenti għall-punt (iii) u kiseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test ta' fosfatażi alkalina, applikat minnufih wara t-trattament bis-sħana;]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(v) trattament HTST tal-ħalib b'pH taħt is-7,0;]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(vi) trattament HTST ikkombinat ma' trattament fiżiku ieħor billi</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(1) jitraqqas il-pH taħt is-6 għal siegħa;]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(2) isir tisħin addizzjonali ta' 72 °C jew iżjed, ikkombinat ma' tnixxif;]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(b) Il-prodott tal-ħalib sar minn ħalib mhux ipproċessat li nkiseb minn animali li mhumiex baqar, ngħaġ, mogħoż, bufla jew iġmla tal-ispeċi <i>Camelus dromedarius</i>, li qabel l-importazzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, għaddew minn:</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(i) proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur <math>F_0</math> ta' tlieta jew aktar;]</p> <p>(<sup>1</sup>) <i>jew</i> [(ii) trattament ta' temperatura partikolarment għolja (ultra high temperature - UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin addattat ta' ħżin;]</p> <p><b>II.2. Ċertifikat tas-Saħħa Pubblika</b></p> <p>Jien, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmit, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodott tal-ħalib deskritt hawn fuq ġie prodott skont dawk id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari li:</p> <p>(a) ġie mmanifatturat minn ħalib mhux ipproċessat li:</p> <p>(i) ġej minn irziezet reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u kkontrollat skont l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;</p> <p>(ii) ġie prodott, iṅġabar, tkessaħ, inħażen u ġie ttrasportat skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;</p> <p>(iii) jissodisfa l-kriterji tal-għadd tal-kolonji (plate count) u tal-għadd somatiku taċ-ċelloli stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;</p> <p>(iv) jikkonforma mal-garanziji tal-istatus tar-residwi tal-ħalib mhux ipproċessat ipprovduti mill-pjanijiet ta' monitoraġġ għas-sejbien tar-residwi jew tas-sustanzi ppreżentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE, u b'mod partikolari, l-Artikolu 29 tagħha;</p>		

PAJJIŻ		Prodotti tal-ħalib mill-pajjiżi terzi awtorizzati fil-kolonna C	
Il.	Tagħrif dwar is-saħħa	Il.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	Il.b.
	<p>(v) skont it-testijiet għar-residwi tal-mediċini antibatterjali mwettqa mill-operatur tan-negozju tal-ikel skont ir-rekwiżiti tal-punt 4 tal-Parti III tal-Kapitlu I, tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jikkonforma mal-limiti massimi tar-residwi għar-residwi tal-prodotti mediċinali veterinarji antibatterjali stipulati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010;</p> <p>(vi) għie prodott f'kundizzjonijiet li jggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċidi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006;</p> <p>(b) għej minn stabbiliment li jimplimenta programm ibbażat fuq il-prinċipji HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;</p> <p>(c) għie pproċessat, inħażen, tgeżwer, għie imballat u ttrasportat skont il-kundizzjonijiet ta' iġjene rilevanti stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-Kapitulu II tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;</p> <p>(d) jissodisfa l-kriterji rilevanti tas-saħħa stipulati fil-Kapitulu II tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;</p> <p>(e) il-garanziji li jkopru l-annimali haġġin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li għew ippreżentati skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, għew issodisfatti.</p>		
<b>Noti</b>			
Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, fejn japplika għall-ħalib ta' ċerti speċijiet biss, awtorizzati fil-kolonna C tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsubin għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea			
<b>Parti I:</b>			
— Il-kaxxa I.7: Aġti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidher fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010.			
— Il-kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment minn fejn jintbagħtu.			
— Il-kaxxa I.15: Iridu jingħataw in-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). F'każ ta' trasportazzjoni f'kontejners, in-numru totali tal-kontejners u n-numri tar-reġistrazzjoni tagħhom, u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill, irid ikun indikat fil-kaxxa I.23. Fil-każ ta' haħt jew tagħbija mill-ġdid, min qed jikkunsinna għandu jinforma lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera bid-dħul tiegħu fl-Unjoni Ewropea.			
— Il-kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 15.17; 17.02; 19.01; 21.05; 21.06; 22.02; 28.35; 35.01; 35.02 jew 35.04.			
— Il-kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.			
— Il-kaxxa I.23: Fil-każ ta' kontenituri jew kaxxi, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontenitur u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).			
— Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment(i) tat-trattament u/jew tal-ipproċessar approvat(i) għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.			
<b>Parti II:</b>			
(1) Żomm skont il-każ.			
— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tapplika l-istess regola għat-timbri, minbarra dawk ibbuzzati fil-karta jew bil-marka tal-ilma.			
Il-veterinarju uffiċjali			
Isem (b'ittri kbar):		Kwalifiki u titlu:	
Data:		Firma:"	
Timbru:			

(c) fil-Mudell Milk-T/S, fin-Noti, fil-Parti I, il-Kaxxa I.19 tiġi sostitwita minn dan li ġej:

“— Il-kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 15.17; 17.02; 19.01; 21.05; 21.06; 22.02; 28.35; 35.01; 35.02 jew 35.04.”

---